TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 212

KAZ NRU 279

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Alfred Abela
u
Marina Hotel

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 28 ta' Frar, 1985

CHAIRMAN: Mr A H CAMILLERI CPAA, ACMA.

1. INTRODUZZJONI

1.1 Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fl-14 ta' Gunju, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

1.2 It-Tribunal Industrijali zamm 3 seduti qabel ma wasal biex jghati dan l-Award.

1.3 Is-Sur Francis Coleiro, Section Secretary tal-General Workers' Union ppresenta l-kaz ghan-nom tas-Sur Alfred Abela, filwaqt li s-Sur Alfred Mallia Milanes deher ghall-Marina Hotel.

2. STATEMENTS OF CASE

2.1 Is-Sur Francis Coleiro, ssottometta li Alfred Abela sakemm spicca mill-impieg kellu l-kariga ta' Assistant Head Waiter ghalkemm fic-certifikat tat-terminazzjoni ghandu mnizzel li kien Head Waiter waqt li kif jidher mill-P3 li l-Hotel jibghat lill-Inland Revenue dan jidher li huwa Waiter. Il-Management qatt ma rranga l-paga skond il-grad.

.../2

2.2 F'memorandum li l-Manager ta lil Abela dan ikkritikah fuq kif kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu u zied jghidlu li kien hemm complaints mill-klienti fuq is-servizz tieghu personali. Il-Manager zied jghidlu li kien qed javzah li jekk jonqos li jaghmel id-doveri tieghu professjonalment u b'efficjenza dan kien lest li jnehhieh mill-kapacita tieghu.

2.3 F'memorandum iehor jumejn wara l-Manager informa lil Abela li hu kien naqas mid-doveri u li ghalhekk mill-20 ta' Mejju ser jibda avviz ta' terminazzjoni, imma kien jitterminalu fis-17 ta' Gunju, 1983.

2.4 Kieku Abela taht naqas li kellu jitkecca, l-Management ma kienx jibqa jhallas lil Abela l-pagi filwaqt li mhux qed jahdem.

2.5 Billi Abela ma kienx ta' grad oghola minn shabu l-waiters l-ohra ma kienx kompitu tieghu li jara li l-preparazzjonijiet tar-restaurant biex iservu kienu tajba.

2.6 Twissijiet bil-miktub lil Abela ftit saru mill-Management.

2.7 Milli ntqal fuq jidher li l-Manager ried jehles minn numru ta' haddiema u sab l-okkazzjoni biex jehles minn Abela.

3. <u>Ghall-Marina Hotel is-Sur Alfred Mallia Milanes</u>, issottometta li Alfred Abela kien impjegat bhala Head Waiter mal-Marina Hotel fit-18 ta' Gunju, 1979. L-impieg tieghu gie terminat fis-17 ta' Gunju, 1983 wara sensiela shiha ta' nuqqasijiet gravi.

3.2 Fost l-akkuzi migjuba kontra Abela kienu dawn li gejjin:-

i) Abela ma kienx qieghed jaghmel preparazzjonijiet sewwa ghas-servizz ta' l-ikel;

ii) Hafna mill-klienti ta' sikwiet ilmentaw fuq l-imgieba skorretta tieghu maghhom;

iii) Abela kien jisraq it-tips b'dannu ghal shabu l-impjegati l-ohra;

.../3

iv) Abela kien jmur spiss xurban ghax-xoghol;

v) Is-servizz tieghu personali ma kienx tajjeb;

vi) Il-Hotel hafna drabi ta' warnings lil Abela biex jirranga fl-atteggament tieghu izda dan qatt ma rranga u fl-ahhar il-Management kellu jkeccieh.

4. XHIEDA

4.1 Prodotti mill-appellant:

Is-Sur Alfred Abela - l-appellant innifsu.

4.2 Prodotti mill-Management tal-Hotel:-

| | | |
|---|---|---|
| Mrs Connie Azzopardi | - | Supervisor |
| Mr Charles Mizzi | - | Waiter |
| Mr Martin Abdilla | - | Assistant Manager |
| Mr Bernard Camenzuli | - | Assistant Manager |
| Mr George Schembri | - | General Manager. |

5. DOKUMENTI PPRESENTATI

Il-Marina Hotel ippresenta hmistax (15) il-dokument li kienu annessi mas-sottomissjonijiet preliminari u photocopies ta' punch cards mas-sottomissjonijiet finali.

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

6.1 Is-Sur Francis Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Restauranti u Ikel tal-G.W.U. qara s-sottomissjonijiet finali f'isem Alfred Abela li kien impjegat mal-Marina Hotel.

6.2 Il-Kumpanija ttermina l-impieg ta' Abela fuq l-allegazzjoni li Abela naqas li jkun zgur li l-preparazzjonijiet ghas-servizz fir-restaurant kienu saru tajjeb, li kien hemm pro-testi mill-klienti dwar is-servizz ~~presenti~~ personali ta' Abela u li dan kien ikun xurban meta jidhol ghax-xoghol u li wkoll ness xi tips li kienu wkoll ta' shabu.

6.3 L-akkuza tal-Management fuq Abela ma kienetx gravi ghax kieku Abela kien jitkecca instantanjament u mhux itieh erbgha gimghat paga.

.../4

6.4 Il-Management qatt ma taw lil Abela xi memo fejn jghidulu li kien Head Waiter u qatt ma hallsuh ta' Head Waiter. Abela ha LM1 fil-gimgha zejda ghax talab ghaliha.

6.5 Abela kien ikollu jahdem bhal waiters ohra u allura ma kienx ikollu zmien biex jaghmel il-preparazzjoni wkoll.

6.6 Kieku tassew Abela mess xi tips ta' shabu l-Management kellu jiehu passi severi immedjatament ghax din hi haga gravi.

6.7 Il-Management qal li ma hax passi kontra Abela mill-ewwel biex jaghtih chance jirranga. Imma kieku tassew saru hafna zbalji minn Abela, l-ebda Manager ma jaghti daqshekk chances. Minn dan jidher li mhux veru li saru daqshekk zbalji minn Abela.

6.8 Fuq il-kaz tat-tips Abela qal li l-Manager sejjahlu darba biss u wara li tah lis-spjegazzjoni mehtiega il-Manager ma regax sejjahhlu.

6.9 L-istess jinghad ghal-kaz tax-xorb. Skond il-Ftehim Kollettiv il-Management ghandu d-dritt li jissospendi lill-impjegat ma l-ewwel kaz ta' xorb zejjed.

6.10 Wara li tkecca l-Management taw certifikat lil Abela fejn qalu li kien 'always smart in dress and punctual on duty'. Dan juri li jew Abela tkecca ghal xejn jew li l-Management ipprova qarraq b'xi hadd iehor.

7. <u>Ghal-Marina Hotel, is-Sur Alfred Mallia Milanes</u>, qara s-sottomissjonijiet finali -

7.1 Il-kaz huwa mibni fuq individwu li kellu kariga ta' responsabilita izda li wara xi zmien l-agir tieghu ma baqax kompatibli ma dik il-kariga.

7.2 Mix-xhieda ntwera li Abela ma kienx qieghed jaghmel l-preparazzjonijiet ghas-servizz ta' l-ikel.

7.3 Il-Management ipprova li hafna klienti kienu ta' sikwit jilmentaw fuq l-imgieba skorretta tieghu maghhom.

7.4 Xi xhieda kkonfermaw li Abela kien kemm il-darba serqilhom it-tips.

7.5 Abela kien jigi ta' spiss tard ghax-xoghol u hafna drabi xurban ukoll.

7.6 Is-servizz personali ta' Abela kemm waqt il-breakfast u kemm waqt ikel iehor xejn ma kien sodisfacenti. L-akbar gravita ta' dawn in-nuqqasijiet kollha hija li Abela kellu l-opportunita kollha estiza mill-Management biex jibdel u jikkoregi hajtu.

7.7 L-appellant ma ressaq l-ebda xhud wiehed jew dokument biex jaghtih kredibilita' tal-fatti u l-anqas kkontesta xi dokument imressaq mill-Kumpanija.

7.8 Ir-rapprezentant ta' l-appellant sahaq li ma kienx hemm twissijiet. Dan mhux veru u jidher minn numru ta' warnings li l-Kumpanija tat lil Abela, kemm bil-miktub u kemm bil-fomm.

7.9 Il-Kumpanija hadet hafna pacenzja b'Abela, izda fl-ahhar kellha tkeccilu l-impieg. L-appellant fl-istatement of case qal li l-Kumpanija riedet tehles minnu ghax kellha xi haddiema zejda, izda wara fl-ebda stadju tal-proceduri ma giet imressqa mill-appellant.

7.10 Abela mhux talli ma kienx tajjeb bhala Head Waiter, izda l-anqas bhala waiter, minhabba l-imgieba tieghu.

8. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

8.1 Donnhu Alfred Abela li kien jaghmilha ta' Head Waiter/ Assistant Head Waiter u Waiter fil-Marina Hotel, fl-ahhar xhur li kien jahdem hemm l-agir tieghu beda sejjer ghal hazin.

8.2 Mix-xhieda provduta gie ppruvat li Abela kien ta' sikwit ikun xurban, kien jidhol ghax-xoghol tard, ma kienx jaghmel il-preparazzjonijiet ghar-restaurant tajjeb u xi drabi mess ukoll it-tips ta' shabu.

8.3 Il-Kumpanija hadet hafna pacenzja bih, imma huwa ma riedx jibdel u jikkoregi ruhu.

8.4 Waqt li l-Kumpanija gabet diversi xhieda u dokumenti biex tipprova l-allegazzjonijiet taghha, l-appellant ma tella l-ebda xhud (barra l-persuna nvoluta) u ma ikkontesta l-ebda dokument migjub mill-Kumpanija.

8.5 Fl-imgieba hazina tieghu fl-ahhar xhur mal-Marina Hotel, Abela rrenda ruhu mhux biss mhux tajjeb bhala Head Waiter izda l-anqas bhala semplici Waiter.

9. AWARD

9.1 Fid-dawl tal-fatti imsemmija u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Marina Hotel tat chances bizzejjed lil Alfred Abela biex jikkoregi ruhu u tatu twissijiet bizzejjed kemm bil-fomm u kemm bil-miktub. In vista ta' dan, it-temm ta' l-impieg ta' Alfred Abela kien gustifikat, u skond il-ligi.

9.2 B'hekk dan it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A.H. CAMILLERI
Chairman

Edw D'Agostino
A/Segretarju

Data: 28 ta' Frar, 1985

ja